



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tal-25 ta' Frar 2025 – ePURE u Pannonia Bio vs Il-Parlament u Il-Kunsill

(Kawża T-45/24)

“Rikors għal annullament – Enerġija – Regolament (UE) 2023/2405 – Obbligu fuq il-fornituri tal-karburant tal-avjazzjoni li jiżguraw li l-karburant kollu mqiegħed għad-dispożizzjoni tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru f'kull ajruport fl-Unjoni jkun fih ishma minimi sostenibbli ta' karburanti tal-avjazzjoni – Nuqqas ta' inċidenza individwali – Inammissibbiltà”

Rikors għal annullament – Persuni fiżiċi jew ġuridiċi – Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment – Inċidenza individwali – Kriterji – Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-użu u l-provvista ta' karburanti tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF) – Regolament li jimponi fuq il-fornituri ta' karburanti tal-avjazzjoni li jagħmlu disponibbli lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru fl-ajruporti tal-Unjoni karburanti li jkun fihom sehem minimu ta' SAF – Esklużjoni ta' bijokarburanti prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-ġhalf u dawk prodotti minn għelejjel intermedji – Rikors ippreżentat minn produttur u fornitur fl-Unjoni ta' etanol rinnovabbli prodott minn għelejjel, skart u residwi – Assenza ta' inċidenza individwali – Rikors ippreżentat minn assoċjazzjoni komposta fil-parti l-kbira tagħha minn membri li jipproduċu u li jipprovdu l-etanol rinnovabbli fl-Unjoni – Assenza ta' inċidenza individwali – Inammissibbiltà

(Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 4 TFUE; Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2023/2405, il-punt 8(c) tal-Artikolu 3 u Artikolu 4(1), (4) u (5), u Anness I)

(ara l-punti 25 sa 30, 35 sa 46, u 67 sa 80)

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent mill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll minn Renewable Fuels Association, minn Growth Energy, minn U. S. Grains Council u minn LanzaJet.
- 3) ePURE, de Europese Producenten Unie van Hernieuwbare Ethanol, u Pannonia Bio Zrt. huma kkundannati jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll l-ispejjeż tal-Parlament Ewropew u

tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni ta' dawk sostnuti minn dawn tal-aħħar fir-rigward tat-talbiet għal intervent.

- 4) Il-Parlament, il-Kunsill u l-applikanti l-oħra li jintervjenu li jissemmew fil-punt 2 ta' dan id-dispożittiv għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess relatati mat-talbiet għal intervent.